Qorti Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Ammissjoni Nru. 6/2019

Ir-Repubblika ta' Malta

Vs

Belkins Mildred Marquez Del Toro

Justino Junior Angel

Illum 26 ta' Novembru, 2019,

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fil-konfront ta' Belkins Mildred Marquez Del Toro detentrici tal-passaport Olandiz bin-numru NSL2C6C77 u Justino Junior Angel, detentur tal-passaport Olandiz bin-numru NM194B6D5 akkuzati talli:

F'daw il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer fit-28 ta' Novembru, 2015 u fix-xhur ta' qabel:

a) Assocjaw rwiehom ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-gzejjer sabiex ibieghu jew jitraffikaw f'dawn il-gzejjer medicina (kokajina), bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew ippromovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw tali assocjazjoni, sabiex tigi importata f'Malta id-droga kokajina u dan bi ksur tal-artikolu 22(1) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Importaw, jew gieghelu li tigi importata jew ghamlu xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
c) Kellhom fil-pussess taghhom id-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw, jew li jfornu d-droga msemmija u meta ma kienux b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollhom d-droga msemmija fil-pussess taghhom u naqsu li jipprovaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom u naqsu li jipprovaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li turi li ma kienitx ghall-uzu esklussiv taghhom.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikmolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali il-flejjes u l-propjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-imputati jew huma propjeta' taghhom, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputati milli jitrasferixxu jew xort' ohra jiddisponu minn xi propjeta' mobbli jew immobbli, ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tal-Qorti tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja tat-30 ta' Settembru, 2019 fejn l-imputati informaw lill-Qorti illi qed jammettu l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom.

Rat il-verbal tal-istess Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja, tal-4 ta' Novembru, 2019 fejn l-imsemmija Belkins Mildred Marquez Del Toro u Justino Junior Angel ghal darba ohra ddikjaraw li huma hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom.

Il-Qorti tal-Magistrati, tramite l-interpretu, infurmat lill-imputati bil-pieni applikabbli ghal kull wahda mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u ordnat li l-imputati jinghataw aktar zmien ragonevoli sabiex jirriskonsidraw l-ammissjoni ta' htija taghhom ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom u b'hekk tat il-fakolta' lill-imputati li johrogu barra mill-awla sabiex ghal-darb'ohra jikkonsultaw mal-avukat taghhom.

Illi l-Qorti tal-Magistrati, wara li tat zmien ragonevoli lill-imputati sabiex jergghu jirrikonsidraw l-ammissjoni ta' htija taghhom ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom, u dan wara li l-Qorti nfurmat lill-imputati dwar il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom, l-imputati ghall-darba' ohra tramite l-interpretu nkarigata, regghu tennew l-ammissjoni ta' htija taghhom ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom.

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Novembru, 2019 fejn hadet konjizzjoni tal-verbal imsemmi u appuntat il-kawza ghal-llum stess.

Rat in-nota tal-Avukat Generali ai termini tal-artikolu 392B tal-Kodici Kriminali pprezentata fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti fit-8 ta' Novembru, 2019 fejn iddikjara illi ai termini tal-aritkolu 392B(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, illi l-imputazzjonijiet kif addebitati lill-imputati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u li ghalihom l-imputati irregistraw l-ammissjoni fuq imsemmija, ghandhom jitqiesu bhala Att ta' Akkuza ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Rat ir-rikors kongunt tal-Avukat Generali u l-akkuzati Belkins Mildred Marquez Del Toro u Justino Junior Angel, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-8 ta' Novembru, 2019 fejn iddikjaraw li qeghdin jaqblu li l-piena li ghandha tigi nflitta fuq l-akkuzati Belkins Mildred Marquez Del Toro u Justino Junior Angel minn din il-Qorti ghandha tkun il-piena ta' prigunerija effettiva ghall-perjodu ta' sitt snin u nofs, flimkien ma' multa ta' sebat elef ewro (€7,000) u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza ohra tassattiva ghad-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' htija ai termini tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u tal-propjeta' mobbli u mmobbli appartententi lill-istess akkuzati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati.

Din il-Qorti, in vista tal-ammissjoni registrata quddiem il-Qorti tal-Magistrati tat-30 ta' Settembru, 2019 debitament kkonfermata fl-4 ta' Novembru, 2019, tiddikjara lil Belkins Mildred Marquez Del Toro u Justino Junior Angel hatja talli:

F'daw il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer fit-28 ta' Novembru, 2015 u fix-xhur ta' qabel:

a) Assocjaw rwiehom ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-gzejjer sabiex ibieghu jew jitraffikaw f'dawn il-gzejjer medicina (kokajina), bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew ippromovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw tali assocjazjoni, sabiex tigi importata f'Malta id-droga kokajina.
b) Importaw, jew gieghelu li tigi importata jew ghamlu xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
c) Kellhom fil-pussess taghhom id-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-

dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw, jew li jfornu d-droga msemmija u meta ma kienux b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollhom d-droga msemmija fil-pussess taghhom u naqsu li jipprovaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom u naqsu li jipprovaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li turi li ma kienitx ghall-uzu esklussiv taghhom.

Ikkunsidrat,

Illi d-difiza u l-prosekuzzjoni qablu fir-rigward tal-piena li ghandha tinghata lill-hatja Belkins Mildred Marquez Del Toro u Justino Junior Angel u cioe' dik imsemmija fir-rikors konguntiv taghhom przentata fl-atti nhar it-8 ta' Novembru, 2019.

Ikkunsidrat,

Ghar-rigward tal-hatja Belkins Mildred Marquez Del Toro u Justino Junior Angel il-partijiet talbu lil din l-Onorabbli Qorti tapplika l-piena imsemmija fin-nota taghhom.

Rat il-gurisprudenza ta' din il-Qorti fejn jidhol assocjazzjoni u traffikar tad-droga kokaina f'ammonti konsiderevoli, senjatament '<u>Ir-Repubblika vs. Joseph Zerafa</u>[1]' kif ukoll '<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs John Bartolo</u>[2]'.

Rat dak li stqarr l-Ispizjar Godwin Sammut meta esebixxa ir-relazzjoni tieghu (DOk GS1) quddiem il-Qorti Struttorja, rigwardanti s-sejba ta' droga msemmija, li huwa identifika is-sustanza bhala droga kokaina, u li l- piz totali ta' 774.20 grammi ta' valur estimat €52,645.60 u li l-persentagg medju ta' kokajina fil-materjal kien ta' cirka 35%.

Rat il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tgħamel ammissjoni bikrija senjatament "**<u>Ir-Repubblika</u>**

[1] Deciza fit-28 ta' Jannar, 2010
[2] Deciza fil-15 ta' Lulju, 2004

**ta'Malta vs. Nicholas Azzopardi**[3]"; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**[4]" "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[5]" (kif ukoll il BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit);

Illi din il-Qorti thoss li allura f'dan il-kaz partikolari ghandha taderixxi ghat-talba konguntiva maghmula fit-8 ta' Novembru, 2019 u ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 13, 14, 15, 15A, 16, 17, 18, 22(1)(a)(d)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(ii) (3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22(A), 24A, 26 u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 2 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lil hatja Belkins Mildred Marquez Del Toro u Justino Junior Angel ghal piena ta' prigunerija effettiva ghal-perjodu ta' sitt snin u nofs, flimkien ma multa ta' sebat elef ewro (€7,000) li jekk ma tithallasx puntwalment tigi konvertita f'sena prigunerija ai termini tal-artikolu 11 tal-Kodici Kriminali.

Tikkundanna wkoll lil hatja ihallsu s-somma ta' Tlett Elef, erba' mija, tmienja u tmenin il-Ewro u seba' u sebghin centezmu (€3488.77), rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Jekk l-ispejjez tal-perizja ma jithallsux fi zmien sena mid-data tas-sentenza jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skont il-ligi.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-hatja.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota, li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax-il (15) jum mid-data tas-sentenza appellata, li d-droga esebita hija mehtiega ghal konnessjoni ma' xi proceduri kriminali ohra kontra terzi persuni, id-droga kollha esebita u l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur tal-Qorti Kriminali li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni u jingiebu

[3] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhr l-24 ta' Frar 1997
[4] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Lulju 2002
[5] Deciz mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar is-17 ta Lulju 2002

a konjizzjoni tal-Qorti b'nota appozita b'kopja li ghandha tigi innotifikata lill-Avukat Generali u lill-hatja.

Consuelo Scerri Herrera

Imhallef